**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 10/18**

**Data:** It-Tnejn, 3 ta' Settembru 2018
**Ħin:** 6:30 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (sad-9:15pm)
Claude Camilleri - Kunsillier (sat-8:30pm)
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **10.01** | **Qari tal-ittri ta' apologiji** |
| **10.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **10.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **10.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **10.05** | ***Tenders*** |
| **10.06** | ***Xogħijiet*** |
| **10.07** | **Miżura 4.4** |
| **10.08** | ***Quarterly Financial Statements*** |
| **10.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **10.10** | **Affarijiet ohra; u** |
| **10.11** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** |

**10. 1. Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija x'tinqara. | | |

**10. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Hales | Il-Minuti 09/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 10. 2. 2 | 09.03.01 | Viċi-Sindku | Sabiex tiżdied li qed nirreferu għal ġbir tal-ħwejjeġ bieb bieb. | |
| 10. 2. 3 | 09.02.05 | Viċi-Sindku | Tiżdied dwar żgħażagħ fil-lokal. | |
| 10. 2. 4 | 09.02.16 | Chircop | Tiżdied il-kompetizzjoni tal-inbid | |
| 10. 2. 5 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**10. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 2 | 5 | 09.02.08 | Agius: Tenders Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li t-tenders ħarġu għall-dawk kollha interessati li jitfgħu l-offerta tagħhom għall-barijiet f'4 areas. Hales qal li l-NGOs lokali għandhom jinagħtaw preċedenza fuq l-allokazzjonijiet prinċipali tal-barijiet. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ingħata rendikont minn Agius dwar kif inħarġu u ġew mitfugħa t-tenders matul is-snin. Ingħatat spjegazzjoni dwar kif ittieħdu l-offerti. Żona A Misraħ ir-Reppublika intrebħet minn Maypole, Żona B Misraħ Wistin Abela mill-Għaqda Banda Żejtun, Żona Ċ Misraħ Wistin Abela mill-Għaqda tal-Armar 25 ta' Novembru u Żona D San Girgor intefgħet somma inqas milli mitlub u s'issa għadha ma ġitx allokata. Is-Sindku ipproponiet li hemm bżonn li kif tgħaddi l-attivita' jsir Post Mortem. Il-Viċi-Sindku qalet li saret stedina lill-Kunsill ta' Celano u ser ikun qed jospitana l-Viċi-Sindku u s-sinjura tiegħu mill-Ġimgħa, 28 sat-Tnejn, 1 ta' Ottubru. | Agius |
| 10 | 2 | 6 | 09.02.06 | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* fi Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku staqsiet għalfejn għadhom mhux jixgħelu. Is-Sindku qalet li ser inkunu qed niċċekjaw mal-Enemalta dwar dan. | |
| 10 | 2 | 7 | 09.02.08 | Sindku: Ġebel San Martin | Is-Sindku qalet li irċivejna rapport kif ser imexxu dwar it-tisbiħ u tħawwil ta' siġar. Ser isir tħawwil ta' siġar bil-fjuri provduti mill-Għaqda Siġar Maltin u aħna bħala Kunsill ser nintrabtu li nsaqqu l-ewwel sentejn sakemm jaqbdu. | Sindku |
| 10 | 2 | 8 | 09.02.18 | Agius: Niċċa ta' San Ġużepp | Agius staqsiet jekk inbediex ix-xogħol. Chircop qal li tkellmu mal-perit u l-bennej biex ikun jista' jibda x-xogħol għal nofs Ottubru. | Chircop |
| 10 | 2 | 9 | 09.05.01 | Agius: Proposti għall-*area* ta' San Girgor | Agius staqsiet dwar jekk tkellimniex mal-perit Abela. Is-Sindku wieġbet li tkellmet mal-perit dwar din il-proposta u qaltlu li hemm il-biża' dwar in-nuqqas ta' parkeġġ li jinħoloq meta dan il-proġett isir. | Sindku |
| 10 | 2 | 10 | 09.06.03 | Agius: Tenders Sqaqin | Agius staqsiet dwar fiex wasslu dawn it-tenders u s-Sindku qalet li bħalissa għadna fil-proċess biex jinħarġu t-tenders. | Sindku |
| 10 | 2 | 11 | 09.09.02 | Chircop: Ġnien Luqa Briffa | Chircop staqsa dwar fiex wasal ir-rapport li kien intalab. Is-Sindku qalet li intbagħtet imejl *reminder* lill-Onorevoli Herrera. | Sindku |
| 10 | 2 | 12 | 09.09.04 | Agius: *One-Way* Triq Ħal Bisbut | Agius staqsiet fiex waslet din it-talba u Hales ikkumenta li din hija diffiċli li ssir minħabba li jekk tinbidel noħolqu problema tat-traffiku. | Hales |
| 10 | 2 | 13 | 09.09.06 | Agius: *Zebra Crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Agius staqsiet jekk tistax terġa ssir u s-Sindku qalet li reġat saret applikazzjoni biex terġa ssir. | Sindku |
| 10 | 2 | 14 | 09.09.11 | Chircop: *Treasure Hunt* | Chircop informa lill-Kunsill li dan sar u kien suċċess, irringrazzja lill-V18 u SkolaSajf. Irrimarka li kien hemm parteċipazzjoni minn ħafna Żwieten. | Chircop |
| 10 | 2 | 15 | 09.09.12 | Chircop: *Animal Building activity* | Chircop qal li din saret u ser nieħdu sehem f'Ottubru. | Chircop |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 3 1 | 24 | | Ser issir laqgħa mal-*GreenPak* sabiex ikun jista' jiġi diskuss u jinbidel il-ftehim eżistenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 3 2 | 27 | Skema Finanzjarja għal-Librerij | Ġie maqbul li dis-sena il-fondi kollha jmorru sabiex jinxtraw kotba ġodda għall-librerija. | Camilleri |
| 10 3 3 | 30 | Residenti fi Triq Joe Attard: Petizzjoni | Irċivejna petizzjoni minn xi residenti fejn talbu sabiex jerġa jinbidel ġgal kif kien l-isem tat-triq. Fost ir-raġunijiet oħra li ingħataw, ir-residenti ser ikollhom biċċa xogħol sabiex jinfurmaw l-enitajiet konċernati. Bħala Kunsill ser inkunu qed nitolbu parir mingħand il-Kumitat għat-tismija tat-toroq. | Sindku |

**10. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**10. 5. Tenders**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 00 5 1 | | Sindku: Tenders | Is-Sindku informat lill-Kunsill li wara d-diversi laqgħat mal-kuntrattur dwar il-problemi fil-ġonna u diversi ilmenti li ma konniex sodisfatti, ġie deċiż li dan jitwaqqaf. Hu rrisponda li ried jieqaf fl-aħħar ta' Awwissu u talab li jwaqqaf it-tender tat-tindif tal-latrini u *non-urban roads*. Sar ftehim mas-Sur John Desira sabiex issir tisqija sakemm joħorġu t-tenders il-ġodda. | |
| 10 5 2 | | Sindku: Gaetano Desira | Is-Sindku informat lill-Kunsill li sar qbil mas-Sur Gaetano Desira li hu għandu jerfa ilma jumejn fil-ġimgħa, bowser kull darba bejn Mejju u Ottubru u ser ikun qed jagħti kontribuzzjoni ta' €500. Ser issir pompa sabiex ikun jista' jittella l-ilma mill-ġibjun ta' Ġnien iż-Żgħożija. | Sindku |
| 10 5 3 | | Segretarju Eżekuttiv: Accountant u Tisbieħ fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wasalna fil-proċess li jingħalqu dawn it-tenders li ġew evalwati u ingħataw lill-Edania Ltd (Accountant) u Projeckte Global Ltd (Tisbieħ fi Ġnien l-Għannejja Żwieten). | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 5 4 | | Segretarju Eżekuttiv: *D2D Waste Collection u Parks and Gardens* | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender tal-ġbir tal-iskart bieb bieb jinsab ippublikat filwaqt li t-tender tal-Ġonna Pubbliċi ser jiġi ippublikat dalwaqt. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 6. *Xogħlijiet***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 6 1 | | Sindku: Ġnien il-Qawsalla | Is-Sindku qalet li saret l-ewwel fażi tal-proġett mill-ħaddiema tal-Kunsill u ser tinbeda t-tieni fażi dalwaqt. Irringrazzjat lill-ħaddiema tax-xogħol li qed isir. | Sindku |
| 10 6 2 | | Sindku: Xogħolijiet minn *Infrastructure Malta* | Is-Sindku informat lill-Kunsill li bħalissa għaddej xogħol fi Triq il-Kotob, Triq Santu Kristu kif ukoll qed jitkompla xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin fejn intlaħaq ftehim sabiex isiru s-servizzi kollha | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 6 | 3 | | Sindku: Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li saret talba lill-Infrastructure Malta sabiex Vjal 25 ta' Novembru jingħata wiċċ ġdid u din ġiet milqugħa. Ix-xogħol ser ikun qed isir mill-kuntrattur tagħna u l-ispejjes kollha ser jiġu mħallsa minn *Infrastructure Malta*. Tkellimna mal-entitajiet u saret l-applikazzjoni ma' *Infrastructre Malta* sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol. | Sindku |
| 10 | 6 | 4 | | Hales: Il-Proġett taz-Zuntier | Hales ġibed l-attenzjoni sabiex niktbu l-Prim Ministru dwar il-proġett taz-zuntier li għadu ma sarx. | Sindku |
| 10 | 6 | 5 | | Hales: *Bus Shelters* | Is-Sindku qalet li applikajna għal-Iskema tal-AKL u hemm ċans li jinbidlu l-*bus shelter.* | Sindku |
| **10.** | **7.** | | | **Miżura 4.4** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | Ma ingħata l-ebda rendikont dwar dan is-suġġett f'din il-laqgħa. | |
| **10.** | **8.** | | | **Quarterly Financial Statements** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 8 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tat-tieni kwart tas-sena dwar id-dħul u l-ħruġ li kellu l-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| **10** | **9** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 9 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 9 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 9 | 4 | | Petty Cash - Awwissu 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju u Lulju hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €230.30 . | Segretarju Eżekuttiv |
| **10** | **10** | | | **Affarijiet ohra; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 10 | 7 | | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* fi Triq Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku semmiet iz-*zebra crossing.* Hales qal li TM bagħtulna sketch ġdid dwar kif qed jipproponu li ssir. Din ser tinqasam fi tnejn. Ġie suġġerit li jsiru xi alterazzjonijiet u qed jiġu diskussi ma' TM qabel terġa ssir. | Hales |
| 10 | 10 | 8 | | Sindku: Attivita' Skola Sajf | Is-Sindku qalet li f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, kienet preżenti waqt attivita' ta' Skola Sajf li saret fit-30 ta' Awwissu fejn it-tfal kellhom l-opportunita' jduru dawra bid-dgħajsa mal-kosta ta' Marsaskala. Din l-attivita' ġiet organizzata mis-Sur Steve Borg, Ċermen tal-Bord tal-Park Nazzjonali tal-Inwadar. Irringrazzjat wkoll lill-Onor. Ministru Jose' Herrera għall-għotja ta' kotba sbieħ b'tema ambjentali li ser jingħataw lil-Librerija Pubblika taż-Żejtun, li għandna fl-Iskola Primarja taż-Żejtun. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 10 | 9 | Caruana: Xrobb l-Għaġin | Caruana staqsa tistax issir one-way. Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil dwar dan. | |

**10 11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid 9-25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Ottubru 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv